MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1425/2010

**L-Awtorita' Ghat-Transport f'Malta**
**(bhala successur fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita' Marittima ta' Malta)**

**vs**

**Born Free Shipping Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba illi s-socjeta' intimata Born Free Shipping Limited ghamlet uzu minn facilitajiet ta' irmiggjar (berthing facilities) fil-marina gestita mill-Awtorita' mittenti gewwa l-Imsida fuq bazi annwali, fir-rigward tal-boat 'Borb Free'.

F'dan ir-rigward is-socjeta' intimata Born Free Shipping Limited ghandha taghti lill-Awtorita Mittenti l-ammont ta' elf sitt mija u hamsa u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,695.32) kif jirrizulta mill-*'istatement of account'* (kopja annessa ma l-avviz tat-talba u mmarkat

bhala *Dok A)* liema ammont jirraprezenta hlas ghas-servizzi ta' irmiggjar lilha mill-Awtorita' Mittenti.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammont dovut, anke permezz ta' ittra legali datat 13 t'Awissu, 2009, izda baqghet inadempjenti u ghada sallum ma halsitx l-ammont minnha dovut.

Bl-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta git debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf sitt mija u hamsa u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,695.32), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------